# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 24 ta' Mejju 2002**

**Numru 47**

**Rikors Nru 1083/93**

Carmen mart John Sammut u l-istess John Sammut bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu

vs

Joseph Galea

Illum, 24 ta' Mejju 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-14 ta' Settembru 1993 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-attrici Carmen Sammut hija l-propjetarja ta' mahzen li ghandu d-dhul ghalih minn go Triq is-Sajjieda, F'Wied iz-Zurrieq, limiti tal-Qrendi, tal-kejl ta' hdax il-metru (11m.) tul u tlett metri u sebghin centimetru (3.70m.) wiesa' u li dan hu sovrapost in parti u cioe' f'tul ta' seba' metri u sittin centimetru (7.60m.) ghall-mahzen tal-konvenut li ghandu d-dhul ghalih minn Triq Wied Hoxt, Wied iz-Zurrieq, limiti tal-Qrendi, b'dan illi d-differenza fil-kejl, u cioe' tlett metri u erbghin centimetru (3.40.) jappartjenu totalment lill-attrici anke fis-sottosuol taghhom li jigi wara l-propjeta' tal-konvenut;

Illi l-atturi waqqghu il-mahzen taghhom biex jibnuh mill-gdid b'dan illi l-art f'tul ta' seba' metri u sittin centimetru (7.60m.) u li kienet tifforma s-saqaf tal-mahzen tal-konvenut ma messewhiex, izda l-kumplament ta' l-art li tappartjeni totalment lill-atturi kienu bdew jaghmlu xoghol fiha biex is-sottosuol taghha juzawh ghat-tgawdija taghhom;

Illi l-konvenut talab permess lill-attur John Sammut biex dan ikun jista' jwaqqa s-saqaf halli l-konvenut ikun jista' jirranga l-mahzen tieghu wkoll;

Illi l-attur kien propens li jaghti permess lill-konvenut biex jaghmel dan izda mbaghad ma tax il-permess tieghu peress li l-konvenut ried illi jibqa' diehel anke fil-parti tas-sottosuol li tappartjeni lill-attur u li l-atturi riedu juzawha ghat-tgawdija taghhom;

Illi nonostante li l-konvenut ma kellu l-ebda permess biex iwaqqa is-saqaf tieghu u li hu art tal-atturi, dan xorta wahda ricentement waqqa s-saqaf tieghu u art tal-atturi (tul ta' 7.60 metri) u hammel il-kumplament (tul 3.40 metri) propjeta' ta' l-atturi u oltre dan nehha l-hnejjiet li kien hemm fil-propjeta' tieghu u nehha ukoll hajt li kien jifred il-propjeta' (sottosuol) ta' l-atturi;

Illi l-konvenut ghamel ukoll saqaf gdid b'dan illi abbuzivament u illegalment fl-ewwel lok fis-saqaf ma hasibx biex jaghmel travi minflok il-hnejjiet li kien hemm fil-propjeta' tieghu biex ikunu jistghu  jissapportjaw hitan divizorji li l-atturi fi hsiebhom jaghmlu fil-propjeta' taghhom, fit-tieni lok f'tul ta' 3.40 metri propjeta' totalment tal-atturi, il-konnvenut ghamel is-saqaf imzerzaq f f'livell aktar gholi mit-triq pubblika ezistenti b'dannu ghall-atturi, u fit-tielet lok il-konvenut ha s-sottosuol ta' l-atturi u b'hekk zied din il-propjeta ta' l-atturi ma propjeta' tieghu;

talbu li din il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-konvenut abbuzivament u illegalment dahal go propjeta' ta' l-atturi hawn fuq imsemmija u ghamel xoghol hazin fis-saqaf kemm billi ma ghamilx travi minflok il-hnejjiet li kien hemm fil-propjeta' tieghu biex jistghu jissapportjaw hitan divizorji fil-propjeta' ta' l-atturi u kemm billi f'parti mis-saqaf, li hu art tal-atturi u totalment propjeta taghhom, fil-propjeta hawn fuq imsemmija, ghamlu imzerzaq u aktar gholi mill-livell tat-triq pubblika ezistenti b'dannu ghall-atturi;

2. tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit dan iwaqqa parti mis-saqaf/art f'tul ta' 3.40 metru li ghamel b'mod hazin u jerga jaghmlu mill-gdid skond il-livelli tat-triq pubblika Triq is-Sajjieda u skond l-arti u s-sengha u dan taht id-direzzjoni ta' perit nominand;

3. tikkundanna lill-konvenut li jaghmel travi fis-saqaf tieghu minflok il-hnejjiet li kellu fil-propjeta' tieghu biex ikunu jistghu jissapportjaw hitan divizorji fil-propjeta' tal-atturi u dan taht id-direzzjoni ta' perit nominand;

4. tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit jizgombra mill-propjeta' ta' l-atturi (3.40 metri) u jerga jifred il-propjeta' tieghu minn dik ta' l-atturi permezz ta' hajt divizorju; u

5. tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dak li jigi lilu ordnat u fiz-zmien li jigi lilu moghti minn din il-Qorti biex ikunu jistghu jaghmlu x-xogholijiet mehtiega huma stess a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1860/1993 kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi stanti illi kulma ghamel il-konvenut kien xoghol ta' riparazzjoni u sostituzzjoni tal-fond propjeta' tieghu, principalment is-saqaf li kien parzjalment demolit u sar perikolanti minhabba x-xogholijiet ta' twaqqieh li sar daparti tal-atturi fil-fond taghhom sovrapost ghall-fond tal-konvenut.

2. Salv eccezzjonijiet ohra u b'riserva ghal kull azzjoni ta' dannu spettanti lill-konvenut.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-22 ta' Settembru 1993 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. David Pace bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni tieghu debitament mahlufa fis-26 ta' Frar 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Il-partijiet ghandhom proprjetajiet f'Wied iz-Zurrieq, dik tal-konvenut taghti ghal Triq Qied Hoxt filwaqt li dik ta' l-atturi hi sovrastanti tal-konvenut izda taghti ghal Triq is-Sajjieda li tigi allura f'livell oghla minn Triq Wied Hoxt. Fl-1993 l-atturi bdew jizviluppaw il-proprjeta` taghhom billi hattew il-bini qadim li kellhom biex jibnu mill-gdid. Sadattant il-proprjeta` adjacenti kienet inhattet ukoll u billi fil-proprjeta` tal-konvenut inkisrulu xi xriek u cedew xi arkati dan iddecieda li jhott il-post tieghu wkoll.

Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, ikkonfermata minnu wkoll fis-seduta tat-22 ta' Settembru 1993, l-attur spjega li l-konvenut talbu permess biex ikun jista' jwaqqa' s-saqaf halli jirranga l-mahzen tieghu wkoll u li l-istess attur kien propens li jaghti tali permess izda mbaghad ma tahx permess peress li l-konvenut ried jibqa' diehel anke fil-parti tas-sottoswol li l-attur qieghed isostni tappartjeni lill-atturi u li ried juza. Nonostante dan, il-konvenut qabad u waqqa' s-saqaf, hammel dik il-parti li l-attur baqa' jsostni li kienet proprjeta` ta' l-atturi, u nkorporaha fil-mahzen gdid tieghu. Barra minn hekk f'tul ta' 3.40 metri l-konvenut bena saqaf gdid imzerzaq u f'livell oghla mit-triq. Inoltre nehha l-hnejjiet li kien hemm fil-proprjeta` tieghu u fis-saqaf gdid ma hasibx ghal travi biex ikunu jistghu jissapportjaw hitan divizorji li l-atturi kienu bi hsiebhom jaghmlu fil-proprjeta` taghhom.

Il-konvenut sostna fix-xhieda tieghu li dik il-parti li tigi wara l-mahzen tieghu u li l-atturi qeghdin ighidu hija taghhom, fil-fatt hija proprjeta` tieghu izda jekk ikun konvint li mhix tieghu allura jirrilaxxjaha lill-atturi. Xehed ukoll li huwa ma biddilx il-livell tas-saqaf tieghu. U fin-nota ta' kritika tieghu, *inter alia,* jindika li travi ma kienx hemm fil-mahzen tieghu u l-arkati li kien hemm kienu ntizi biss biex jerfghu l-piz tas-saqaf originali u mhux biex jerfghu l-piz ta' xi hitan divizorji ta' xi eventwali struttura.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku josserva:

“21) Dwar l-ewwel allegazzjoni u cioe’ dik ta’ l-usurpazzjoni tas-sottosuol tal-fond ta’ l-atturi jirrizulta b’mod car illi r-ringiela ta’ mhazen tal-livell sottostanti u cioe’ dawk illi ghandhom il-faccata fuq Triq Wied Hoxt ma ghandhomx il-hajt ta’ wara fuq l-istess linja tal-hajt ta’ wara, anzi tal-hajt ta’ quddiem ta’ l-imahzen illi jinsabu affaccati fuq it-triq ta’ fuq, u cioe’ Triq is-Sajjieda izda l-hajt ta’ wara tal-fondi ta’ taht huwa mdahhal certa distanza ‘l gewwa mil-linja tat-triq ta’ fuq, u cioe’ it-triq fejn ghamel il-faccata tal-fondi sottostanti, cioe’ Triq Wied Hoxt, il-faccati sija ta’ dawk t’isfel kif ukoll dawk ta’ fuq huma fl-istess linja.

22) Jirrizulta wkoll illi f’uhud mill-kazi l-ispazju bejn il-hajt ta’ wara tal-fond sottostanti w il-linja tat-triq ta’ fuq giet inkorporata mal-fond sottostanti billi gie ffurmat bieb jew fetha fil-hajt ta’ wara u dana l-ispazju ntuza ghal magazinagg jew uzu simili mal-fond ta’ taht. Ix-xhieda illi ddeskrivew dawn il-fondi jghidu wkoll illi s-saqaf ta’ dana l-ispazju kien xorok. Li huwa cert hu illi dawn l-imhazen huma ta’ certu qedem u cioe’ mibnija madwar il-bidu tas-seklu. Fil-kaz pero’ tal-fondi tal-kontendenti kif ukoll tal-fond adjacenti propjeta’ tal-familja tan-Nutar Darmanin dana l-ispazju ma kienx skavat izda kien mimli terrapien. Fil-fatt ir-ritratt Dokument “A 4” illi juri l-propjeta’ tan-Nutar Darmanin imhammla jindika illi dak l-ispazju kien mirdum. Dan jidher ukoll anzi b’mod aktar

car fir-ritratt Dokument "K 10" fejn il-parti ta' wara n-naha ta' Triq Wied Hoxt kienet ghadha ma thammlitx u jidher bic-car is-saff blat u t-terrapien ta' fuqu kif ukoll it-triq ta' fuq.

23) Il-konvenut stess indika fuq ir-ritratt Dokument "K 9" il-posizzjoni tal-hajt ta' wara fejn kien jinsab u ghalhekk l-ispazju bejn dina l-linja li huwa mmarka bl-ittra "X" fuq ir-ritratt sal-linja tat-triq ta' fuq kienet kollha mirduma. Fl-access illi zamm l-esponent kejjel dina d-distanza illi rrizultalu tul ta' metru punt tmienja hamsa (1.85). Fl-istess ritratt tidher il-kanna ta' l-ilma diehla minn-naha ta' barra tal-fond tal-konvenut u tasal sal-linja msemmija. Dina l-parti l-hajt tal-genb huwa minqux waqt li aktar 'l barra hemm il-hajt imbajjad. Fil-parti fejn hemm il-hajt il-minqux il-konvenut ighid illi kellu l-kamra tas-shower. Dana huwa anke kkonfermat mill-fatt illi hemm kanna ta' l-ilma illi qed tiehu s-servizz ghal go dana l-ispazju.

24) Jirrizulta ghalhekk illi bejn il-hajt ta' wara tal-fond tal-konvenut hemm spazju tul ta' metru punt tmienja hamsa (1.85) sal-linja tat-triq ta' fuq illi kien kollu mirdum. Ghad-differenza tal-fondi fil-vicinanzi illi xehdu dwarhom diversi xhieda illi tella' l-konvenut ma irrizultax illi kien hemm xi kumnikazzjoni bejn il-fond tal-konvenut u dana l-ispazju u wiehed

dana jifhmu ghaliex la darba l-ispazju kien mirdum kien ikun inutli illi tinfetah apertura ghal gewwa t-terrapien.

25) Ghalhekk l-esponent huwa ta' l-opinjoni illi gialadarba dak l-ispazju kien mimli terrapien kien jifforma parti mill-pedament tal-fond ta' fuq u ma kellux x'jaqsam mal-fond ta' isfel propjeta' tal-konvenut. Il-fatt ukoll illi l-atturi ppjantaw is-sieq tat-targa f'dan l-ispazju u qatt ma gew imwaqqfa jew imfixkla mill-konvenut u dana qatt ma ppretenda illi jezercita xi dritt f'dana l-ispazju jindika wkoll illi kien hemm rikonexximent illi dana l-ispazju effettivament ma kienx tal-konvenut. Ghaldaqstant dana l-ispazju ghandu jibqa' propjeta' ta' l-atturi.

26) A rigward ta' l-istruttura tas-saqaf tal-fond tal-konvenut illi jifforma l-paviment, anzi l-art tal-fond ta' l-atturi l-aktar prova cara tohrog mill-paragun ta' bejn ir-ritratti Dokumenti "K2" u "K3". Fid-Dokument "K2" jidher ic-cint illi jaghlaq il-fond tal-konvenut mill-parti tat-triq ta' fuq. Jidher car illi fuq in-naha tax-xellug cioe' appogg mad-dar tal-familja Darmanin ic-cint huwa gholi zewg filati w is-saqaf antik tal-fond tal-konvenut huwa mal-massimu invell mill-wicc tal-filata ta' fuq u pjuttost jinstab f'livell kemm xejn aktar baxx minnu. Fuq in-naha tal-lemin imbaghad peress illi l-bankina titla 'l fuq dana l-livell huwa ta'

filata jew kemm xejn aktar. Ir-ritratt Dokument "K3" imbaghad jaghti paragun tajjeb ghaliex fl-estremita' tax-xellug jidher il-kostruzzjoni l-antik u cioe' zewg filati tac-cint originali attakkati mal-bini adjacenti. Imbaghad magenbu lejn il-lemin hemm il-kostruzzjoni l-gdida konsistenti f'zewg filati gebel u s-saqaf fuqu. Pero' dina l-istruttura kollha ma tiskorrix l-gholi taz-zewg filati originali illi hemm marbutin mal-hajt ta' l-appogg Anke fuq in-naha tal-lemin jidher illi ma gewx skorruti l-filata u ftit aktar illi kien hemm originarjament. Id-Dokumenti "A3", "A4" u "A5" juru illi l-faccata tal-post il-gdid tieghu kif jidher fid-Dokument "A4" huwa ta' hdax il-filata wkoll. Wiehed ma jridx jinsa illi l-gholi tal-filata antika hija aktar gholja minn dik il-gdida u kwindi l-hdax il-filata tal-bini l-antik ma humiex identici ghat-tul ta' hdax il-filata mibnija bil-gebla l-gdida peress illi din ta' l-ahhar tirrizulta ftit aktar baxxa.

27) L-esponent jirrileva pero' illi l-wicc illi jidher fis-saqaf l-antik tad-Dokument "K2" huwa l-wicc tal-paviment illi kwindi tahtu kellu saff ta' xahx u li ghalhekk is-saqaf strutturali kien qieghed livell aktar fond. F'dan il-kaz pero' l-konvenut ghandu l-wicc tas-saqaf strutturali fejn qabel kien il-wicc tal-paviment u ghalhekk il-hxuna ta' xahx u pavimentar gie inkorporat fl-arja tieghu peress illi issa meta l-atturi jiccangjaw l-art taghhom ser jigu f'livell aktar ghola milli kien

il-paviment l-antik illi kellu. Ghal dan il-motiv l-esponent jidhirlu illi anke dina l-allegazzjoni ta' l-atturi giet ppruvata u kwindi l-konvenut gie kkonfermat illi gholla l-livell tas-saqaf tieghu u ghalhekk okkupa parti mill-arja tal-fond tal-konvenut. L-esponent jistma din l-okkupazzjoni bhala gholi ta' erba' pulzieri (4") madwar l-arja tas-saqaf kollu tal-fond ta' l-atturi.

28) Ghar-rigward tar-rimozzjoni tal-hnejjiet, huwa minnu illi kieku baqghu f'posthom l-atturi kienu jistghu jsallbu travi minn fuq il-hnejja ghall-ohra u b'hekk jirrendu l-istruttura tal-post taghhom aktar semplici w efficjent. Issa bir-rimozzjoni tal-hnejjiet u bl-ghoti ta' konkos minghajr tishih sabiex jilqa' ghall-piz illi jista' jintefa' fuqu l-possibilitajiet ghall-izvilupp tal-fond ta' l-atturi gew limitati ghaliex huma ma jistghux jaqbdu u jpoggu l-hitan fejn iridu ghaliex iridu jirrispettaw l-istruttura sottostanti. Issa dina fil-fatt tikkonsisti biss f'saqaf tal-konkos u ma hemmx rinforz lokalizzat biex jiehu xi hitan imsallbin jew pizijiet straordinarji u ghalhekk fil-mument ma jistax jigi zviluppat internament hlief jekk ma jsirux hitan ta' certa heffa. Dana kollu jinfluwixxu negattivament fuq il-fond ta' l-atturi. L-atturi issa jridu jsibu soluzzjoni strutturali illi tista' tinkorpora anke travi fil-livell tal-"ground floor" taghhom. Dana kollu jaffetwa b'mod negattiv il-fond taghhom. Billi issa jridu jaddattaw

l-istruttura taghhom ghac-cirkostanzi mibdula illi fejn qabel kellek hnejjiet illi setghu jerfghu piz fuqu illi seta' kien relattivament gholi issa ghandek saqaf shih illi r-rinforz tieghu wiehed ma jafx x'inhu pero' jista' jigi assunt illi wiehed iddizinjat sabiex jerfa' l-piz tas-saqaf stess u ta' dawk id-"dead loads" illi wiehed jista' jkollu normalment fuq saqaf simili, dan mhux ta' struttura sovrastanti. Ma jirrizultax lill-esponent illi s-saqaf fih xi rinforz partikolari sabiex jahseb ghal dana l-iskop u cioe' l-irfid ta' l-istruttura ta' l-atturi fuq dan is-saqaf. Ghalhekk l-esponent ihoss illi l-allegazzjonijiet ta' l-atturi gew ippruvati t-tlieta li huma u li kwindi l-konvenut okkupa s-sottosuol bejn il-hajt ta' wara tal-fond tieghu u dak tal-linja ta' fuq, bena s-saqaf tieghu f'livell aktar gholi minn dak originali u naqas illi jahseb ghall-istrutturi sovraposti meta huwa nehha l-hejjiet illi kien hemm fil-post tieghu. Ghalhekk l-esponent huwa ta' l-opinjoni illi t-talbiet attrici ghandhom jigu milugha u li l-konvenut ghandu jinghata sitt xhur zmien sabiex jikkonferma maghhom"

Dwar l-okkupazzjoni tal-konvenut ta' parti mis-sottoswol ta' l-atturi, il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit tekniku. Difatti fuq in-naha ta' wara tal-mahzen tieghu l-konvenut kellu hajt shih qieghed jiddividi l-mahzen tieghu mill-parti ta' wara li kienet mimlija terrapien. Skond l-artikolu 323 tal-Kodici Civili, "*(k)ull min ghandu l-proprjeta` ta' l-art, ghandu wkoll dik ta' l-area ta' fuqha, u ta' dak kollu li jinsab fuq jew taht wicc l-art"*. Issa fil-kaz tal-mahzen

tal-konvenut jidher li l-area minnu akkwistata kienet delimitata bil-hajt ta' wara. Ghalhekk il-pretenzjoni attrici f'dar-rigward hija gustifikata izda ghal tul ta' metru punt tmienja hamsa (1.85) u mhux ta' tlieta punt erbgha metri (3.40) kif minnhom pretiz.

Dwar li s-saqaf mibni mill-konvenut jinsab f'livell oghla mit-triq u li huwa in parti mzerzaq, il-Qorti tosserva li dan gie debitament stabbilit. Izda l-bennej ta' l-attur xehed li anke s-saqaf l-antik kien parzjalment imzerzaq ghalkemm mhux daqs kemm giet bis-saqaf il-gdid. Inoltre anke l-livell tas-saqaf l-antik kien f'livell oghla mit-triq. Izda kif jirrizulta mill-konstatazzjonijiet tal-perit tekniku, meta l-konvenut bena s-saqaf gdid, ha bhala l-oghla wicc tieghu l-wicc l-antik li kien hemm minghajr ma kkunsidra li l-parti ta' fuq ta' almenu erba' pulzieri (4") kellha tithalla ghall-pavimentar. Difatti kieku bena s-saqaf erba' pulzieri (4") 'l isfel, xorta kien jiggwadanja mahzen b'saqaf oghla milli kien qabel. Ghalhekk din il-pretenzjoni ta' l-atturi hi wkoll assodata, b'dan li in vista tal-fatt li fic-citazzjoni qeghdin jitolbu li l-konvenut ghandu jigi kkundannat iwaqqa' parti mis-saqaf biss f'tul ta' 3.40 metri, il-Qorti se taghti l-provvediment opportun skond din it-talba. Ta' min ighid li fin-nota responsiva taghhom l-atturi ma jsemmu xejn dwar din it-talba, anzi jghidu li jippretendu li l-konvenut jigi kkundannat jerga' jaghmel il-bazi ghat-tarag li l-atturi kienu diga' ghamlu u li l-konvenut kisser meta nvada l-proprjeta` taghhom. Pero` ma tezisti l-ebda talba f'dan is-sens u ghalhekk il-Qorti se tiskartaha.

Rigward il-kwistjoni tat-travi, il-Qorti tosserva li m'ghandha l-ebda dubju li l-hnejjiet li kien hemm fil-mahzen tal-konvenut certament ma kinux f'kondizzjoni li kienu jiehdu certu piz fuqhom, u dan sew minhabba l-hsarat li l-konvenut kellu fil-post, il-fatt li dawn il-hnejjiet ma kinux sa l-art u ghalhekk il-piz li setghu jifilhu kien jiddependi mill-istruttura tal-bini adjacenti mentri fil-fatt il-fond fuq in-naha tax-xellug tal-proprjeta` tal-konvenut kien diga` nhatt. Ghalhekk fis-sitwazzjoni rizultanti ma jidhirx li kien ikun possibbli li l-atturi jibnu hitan divizorji kif forsi xtaqu. Certament li kieku l-konvenut ma qabadx u ghamel is-saqaf gdid izda ftiehem ma' l-atturi sabiex dawn ikunu jistghu jaghmlu rinforz lokalizzat ghall-iskop tal-bini taghhom, din il-problema ma kenitx tqum. Il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-atturi ma pproducew l-ebda pjanta sabiex jindikaw fejn kienu bi hsiebhom jibnu hitan divizorji. Izda l-A.I.C. Karmenu Vella, il-perit ta' l-atturi, jikkonferma li riedu jibnu xi hitan divizorji. Fin-nota responsiva taghhom ghan-nota ta' kritika tal-konvenut, l-atturi jghidu li l-konvenut ghandu jigi kkundannat jaghmel almenu zewg travi taht is-saqaf tieghu. Il-Qorti hi tal-fehma li galadarba jidher li kienet tezisti l-intenzjoni li jinbnew xi hitan divizorji mill-atturi, il-konvenut ma kellu l-ebda raguni valida fil-ligi biex ma jasalx ghal ftehim maghhom dwar kif u fejn kellu jsir ir-rinforz mehtieg. Ghalhekk il-Qorti se taghti l-provvediment opportun f'dan ir-rigward ukoll.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn fuq spjegat, u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-konvenut abuzivament u illegalment dahal go proprjeta` ta' l-atturi u ghamel xoghol hazin fis-saqaf,

(2) tikkundanna lill-konvenut biex fi zmien sitt xhur millum a spejjez tieghu jwaqqa' parti mis-saqaf tieghu f'tul ta' 3.40 metri u jerga' jaghmlu skond is-sengha u l-arti erba' pulzieri (4") aktar 'l isfel taht id-direzzjoni ta' l-A.I.C. David Pace li qed jigi nominat ghal dan l-iskop,

(3) tikkundannah jaghmel zewg travi fis-saqaf tieghu biex ikunu jistghu jissapportjaw hitan divizorji fil-proprjeta` ta' l-atturi, liema travi ghandhom isiru fil-pozizzjoni indikata lilu mill-atturi, u dan ukoll fl-istess zmien ta' sitt xhur millum u taht id-direzzjoni ta' l-istess A.I.C. David Pace, b'dan izda li l-ispejjez relattivi ghal dan ix-xoghol ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet,

(4) tikkundanna lill-konvenut biex fl-istess zmien ta' sitt xhur jizgombra minn dik il-parti tas-sottoswol, proprjeta` ta' l-atturi, f'distanza ta' metru punt tmienja hamsa (1.85) sal-linja ta' Triq is-Sajjieda billi jifred il-proprjeta`

tieghu minn dik ta’ l-atturi permezz ta’ hajt divizorju, u dan ukoll a spejjez tieghu u taht id-direzzjoni ta’ l-istess A.I.C. David Pace,

(5) tawtorizza lill-atturi biex fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dak hawn ordnat fiz-zmien lilu moghti, jaghmlu x-xoghlijiet huma a spejjez tieghu salv dak li ntqal dwar ix-xoghol relattiv ghat-travi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF**

**DR. DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**